MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 1443/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Daniela Frendo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm815.86) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99223331;**

**Il-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-20 ta' April 2004 mis-socjeta` attrici, ghas-subizzjoni tal-konvenuta, li baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u hmistax-il lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm815.86), bl-imghax legali mit-22 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------